# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 524/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Clifford Bonnici**

Illum id-disgħa (9) ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Clifford Bonnici**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 281183(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a. importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta,

ħlief skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

b. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 Dwar Il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV, V u VI, Artikoli 10(1), 12, 15A, 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu b'dan illi dan biss b'riferenza għall-jum tal-25 ta' Marzu 2007 u mhux għax-xhur ta' qabel din id-data u lanqas bħala reat kontinwat u:

- ikkundannatu piena ta' tnax-il xahar priġunerija u multa ta' elf Euro (€1,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas minnu b'rati

mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ u ċioè l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' tliet mija, ħamsa u disgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€395.15) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' tliet mija, wieħed u sebgħin Euro u ħamsa u sittin centezmu (€371.65), liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' seba' mija, sitta u sittin Euro u tmenin ċenteżmu (€766.80) li kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mid-data tas-sentenza;

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati magħha eżebiti fl-atti tal-proċeduri, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Registratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni;

- ordnat ukoll ir-rilaxx tal-*mobile phones* li ġew eżebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, favur il-ħati.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi* **TIKKONFERMAHA** *fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni ta' pussess sempliċi (mhux aggravat) kif ukoll fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet b'referenza għall-jum tal-25 ta' Marzu 2007 u mhux bħala reat kontinwat u* ***TĦASSAR u TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni (fejn iddikjarat illi l-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu), u dan billi tiddikjarah mhux ħati tagħhom u*

*konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom; Alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi b'digriet mogħti fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 163 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fid-19 ta' Ottubru 2020 u fl-14 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 186 *et seq.* u *a fol.* 195 *et seq.*) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li kien qed jagħlaq il-każ tal-appellant b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-20 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 214) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret rriżulta li ma kien hemm l-ebda kumpilazzjoni pendenti fil-konfront tal-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Jirriżulta li fil-25 ta' Marzu 2007 l-appellant kien nieżel mill-*Catamaran* meta ġie waqqaf minn xi Uffiċjali tad-Dwana. Kienet instabet biċċa *foil* b'sustanza fil-pakkett tas-sigaretti li kellu. L-Uffiċjali talbu lill-appellant jiftaħ ħalqu u nnutaw li kien hemm xi sustanza taħt ilsienu u għalhekk ma kienx qed jitkellem b'ċerta faċilita'. Huwa kien arrestat u fl-istqarrija għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu. Huwa ttieħed l-isptar fejn sarulu *scans* tal-*abdominal tract* iżda dawn taw eżitu negattiv. Mill-analiżi tal-espert l-Iżpiżjar Mario Misud irriżulta li kien hemm biċċiet żgħira ħafna ta' sustanza bajda. L-ammont kien ta' 0.127 grammi kokajina. Fil-blokka ta' sustanza kannella kien hemm ammont ta' 7.918 grammi ta' sustanza eroina b'purita' ta' ċirka 17.6%.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni. Huwa jissottometti li d-definizzjoni ta' "importazzjoni" mogħtija fil-liġi ma tgħoddx għalih għaliex id-droga eroina kienet diġa' fuqu meta mar Sqallija u ġie lura biha. Jgħid li huwa għażel li jixhed u qal li għandu problema kbira tad-droga. Jiċħad li huwa qatt ġab *samples* minn Sqallija u fix-xiehda tiegħu nsista li dawn l-affarijiet qatt ma għamilhom.

Illi din il-Qorti tinnota li skont Artikolu 2 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma "importazzjoni" hija mfissra hekk rigward Malta:

> "iġġib jew iġġiegħel li jinġieb f'Malta b'kull mod li jkun."
> [emfażi miżjuda]

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li meta saret it-tfittxija fuq l-appellant malli wasal Malta nstabet fuqu s-sustanza kokajina f'ammont nett ta' 0.127 grammi u s-sustanza eroina fl-ammont ta' 7.918 grammi. Ukoll jekk wieħed jemmen li l-appellant kien fil-pussess ta' din id-droga meta mar lejn Sqallija, xorta waħda huwa jista' jinstab ħati ta' importazzjoni għaliex huwa xorta ġie importa d-droga *ai termini* tad-definizzjoni mogħtija mil-liġi dwar il-kelma "importazzjoni". Din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni liema Qorti msemmija għamlet sew meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti dwar it-tieni (2) imputazzjoni. Jissottometti li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi u li madankollu huwa għażel li jixhed minn jeddu. Jagħmel riferenza għall-ġurisprudenza rigward il-livell ta' prova li għandha ġġib il-Prosekuzzjoni, dwar x'tista' tagħmel il-Qorti meta għandha żewġ verżjonijiet konfliġġenti u dwar ir-reat ta' pussess aggravat. Jissottometti li għandu jkun ippruvat l-*intent to supply* u li għalhekk il-Qorti għandha tkun konvinta *beyond reasonable doubt*. Jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma tellgħet ebda xhieda li xehdu li xi darba xtraw id-droga minn għandu. Jirreferi għal aktar ġurisprudenza u li fuq kollox huwa stess xehed li għandu l-problema tad-droga għalkemm għaddew diversi snin mill-każ.

Illi l-ewwelnett din il-Qorti tinnota li ma kien hemm ebda imputazzjoni dwar il-pussess jew l-importazzjoni tal-kokajina. Dwar l-eroina hemm żewġ imputazzjonijiet – l-importazzjoni u l-pussess aggravat. Dwar il-provi din il-Qorti qieset l-istqarrija tal-appellant allura imputat u dak li qal lil (dak iż-żmien) Spettur Dennis Theuma u skartatu kif għamlet l-Ewwel Qorti. Mill-istqarrija ma jirriżulta xejn għaliex l-appellant eżerċita d-dritt tiegħu li ma jweġibx u din saret mingħajr l-assistenza ta' avukat.

L-istess jgħodd għal dak li l-appellant allegatament qal lill-Uffiċjal tal-Pulizija ġialadarba dan sar mingħajr il-preżenza ta' avukat.

Illi mill-provi tal-Uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija ma hemm ebda dubju li d-droga nstabet fuq l-appellant hekk kif dan niżel l-art wara l-vjaġġ minn Sqallija u f'mumenti minnhom lanqas jitkellem ma seta' minħabba li kellu biċċa mid-droga f'ħalqu. Droga oħra nstabet fil-but tal-qalziet f'pakkett tas-sigaretti.

Illi din il-Qorti qieset ukoll dak li xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 72 *et seq.*), kważi tmien snin wara li seħħew l-allegati reati. Huwa qal li kien jieħu l-eroina u kien mar Sqallija għal jumejn iżda rritorna lura wara ġurnata. Skont l-appellant id-droga kienet intiża għalih. Fiż-żmien li kien qed jixhed huwa kien jattendi l-Caritas. Huwa nnega li kien mar drabi oħra Sqallija u niżżel miegħu d-droga.

Illi prova oħra rilevanti hija x-xhieda tal-espert tal-Qorti li analizza d-droga fejn sab li kien hemm 7.918 grammi ta' eroina b'purita' ta' cirka 17.6%. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, waqt li nstab dan l-ammont, fix-xhieda tiegħu l-appellant qal li kellu erba' grammi – kważi n-nofs. L-Ewwel Qorti ma aċċetttax l-ispjegazzjoni mogħtija sal-grad tal-probabbli. Il-Qorti msemmija kellha ċ-ċans li tara lill-appellant jixhed u l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda ma kkonviċihiex hekk kif jingħad fis-sentenza appellata. Bħall-Ewwel Qorti wkoll, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-appellant kien konvinċenti kif l-ewwel mar Sqallija għal jumejn u mbagħad niżel wara jum. Jekk kien jikkonsma, skont l-appellant, żewġ grammi kuljum, wieħed jistaqsi kif spiċċa bi kważi tmien grammi eroina wara jum!

Illi l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' xhieda li jikkonfermaw li xi darba xtraw id-droga minn għandu. Dan ma kienx meħtieġ bilfors għall-prova ta' pussess aggravat.

Illi l-appellant insista wkoll li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-hu kellu l-intenzjoni li jispaċċja u dan ma għamlitux. Dan l-element ma jirriżultax. Kif inhi redatta l-parti tal-liġi in kwistjoni,

din il-Qorti trid tqis iċ-ċirkostanzi u huwa minn dan li trid tara jekk l-appellant allura imputat kellux pussess tal-eroina għalih biss jew inkella biex jgħaddi lil ħadd ieħor. Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

Illi l-appellant isemmi għadd ta' sentenzi li jindikaw kif din il-Qorti kellha diversi drabi tqis jekk il-pussess kienx aggravat jew le. Għandu jingħad li kull każ għandu l-istorja tiegħu. Dak li jista' jingħad f'dan il-każ huwa li l-ammont ta' droga eroina ma jistax jitqies żgħir ukoll jekk il-purita' kienet ta' 17.6%. Huwa possibbli ħafna li mill-ammont jinħarġu numru konsiderevoli ta' qratas.

Illi meta din il-Qorti kkunsidrat dan kollu kkonkludiet li l-appellant kellu jinstab ħati tal-imputazzjoni in kwistjoni kif sabitu ħati l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eżaġerata u sproporzjonata meta wieħed jikkunsidra l-fatti kollha tal-każ.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 135), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 163 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga rriżultalu li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess (*a fol.* 186 *et seq.* u *a fol.* 195 *et seq.*). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;
- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;
- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2007 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;
- dak li jirriżulta mid-depożizzjonijiet mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta minn Noel Cassar (rappreżentant tal-Caritas – *a fol.* 151 *et seq.*) u minn Antoine Ellul (mid-*Detox – a fol.* 155 *et seq.*);
- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu pendenti hija dik odjerna;
- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien għalaq il-każ tal-appellant b'suċċess (*a fol.* 186 *et seq.* u *a fol.* 195 *et seq.*);
- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jintemm, il-Qorti ġiet infurmata li l-Caritas qalu s-segwenti (*a fol.* 188 u *a fol.* 198):

*"**31/12/2019***
*Clifford Bonnici Id: 281183M has started attending Caritas Community Services Outreach on the 21/2/2019. He has been regular in his appointments which started on a weekly basis, and then it was agreed that we would tailor the appointments to become less regular since there was no need for them to be weekly (appointments are now set once every two-three weeks).*

*Clifford has been leaving urines weekly as of the 8/3/2019. All urine tests were tested for THC, cocaine and opiates. All the tests resulted negative for any illicit substances, with the last urine test in our system dated 12/12/2019.*

*His plan is as follows: On-going support offered by him continuing attending individual sessions at Caritas Outreach on a monthly basis, leaving regular urine samples.*

***UPDATE: 5/10/2020***
*Clifford has remained in agreement with his care plan. He has continued to attend his individual sessions leaving clean urines, up until we closed our office during the first wave of COVID-19. Following the last update, COVID-19 caused us to work from home through teleworking, hence suspending individual sessions and urine testing. Regular contact as agreed with Mr. Bonnici was made during this period through weekly phone conversations, initiated both by him and me as his therapeutic facilitator. After re-opening our offices, Clifford once again started attending his individual sessions and leaving urines on a regular basis.*

*Clifford has attended all his session whilst leaving clean urine tests. All the tests resulted negative for any illicit substances, with the last urine test in our system dated 1/10/2020.*

*Mr. Bonnici has followed his care plan thoroughly and I would recommend that he may come for more support, should he choose and at his own discretion. Mr. Bonnici has always followed through with his care plan, and made exceptional use of his time during his sessions."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi dwar il-multa ta' elf Euro (€1,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' it-tielet aggravju tal-appellant u ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda li tqies hija aktar idonea għalih u dana wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jirriżulta, b'mod partikolari, mill-atti proċesswali u dak li jirriżulta mill-aħħar informazzjoni mibgħuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Clifford Bonnici u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu biss b'riferenza għall-jum tal-25 ta' Marzu 2007 u mhux għax-xhur ta' qabel din id-data u lanqas bħala reat kontinwat:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf Euro (€1000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas minnu b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita u tal-affarijiet relatati magħha u fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal seba' mija, sitta u sittin Euro u tmenin ċenteżmu (€766.80) (liema ammont għandu jitħallas fi żmien sena millum) u fejn ġew ordnati ir-rilaxx tal-*mobile phones* li ġew eżebiti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada favur l-appellant;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat tnax (12) il-xahar priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta billi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-appellant Clifford Bonnici taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn mil-lum (liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza).

*Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-appellant Bonnici bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation,* jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom huwa nstab ħati.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet tallum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-appellant Clifford Bonnici.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant nstab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**